# REGOLI INTERNI DWAR IT-TRAINEESHIPS FIS-SEGRETARJAT TAL-GRUPP PPE FIL-PARLAMENT EWROPEW

**WERREJ**

No table of contents entries found.

**Artikolu 1: Dispożizzjonijiet ġenerali**[1]

Bil-għan li jiġi promoss it-tixrid tal-għarfien dwar l-integrazzjoni Ewropea u li jingħata kontribut lill-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali taż-żgħażagħ Ewropej, il-Grupp PPE joffri traineeships fis-Segretarjat tiegħu fi Brussell.

It-traineeships għandhom ukoll l-għan li joffru lill-gradwati universitarji esperjenza ta' ħidma f'organizzazzjoni politika u għarfien prattiku tal-attivitajiet tal-Grupp PPE u tal-Parlament Ewropew. It-traineeships jagħtu l-opportunità biex wieħed jikseb esperjenza f'ambjent internazzjonali, multilingwi u multikulturali.

L-ammont meħtieġ biex jiġu koperti t-traineeships għandu jiġi inkluż taħt intestatura speċifika fil-baġit annwali tal-Grupp.

**Artikolu 2: Tipi ta' traineeships**

Il-grupp joffri t-tipi ta' traineeships li ġejjin:

1) Traineeships bi ħlas ta' 5 xhur għaċ-ċittadini tal-UE u għal kandidati mill-pajjiżi assoċjati u l-pajjiżi kandidati[2]. Għadd limitat ta' ċittadini minn pajjiżi oħra jistgħu jingħataw traineeship permezz ta' deroga.

2) Traineeships għal żmien qasir mhux imħallsa ta' mhux aktar minn 3 xhur meta t-traineeship ikun obbligatorju fil-qafas tal-istudji universitarji. Il-grupp jista' joffri għadd limitat ta' dan it-tip ta' traineeship.

3) Taħriġ ibbażat fuq ftehim bejn il-Grupp PPE u universitajiet, gvernijiet nazzjonali u organizzazzjonijiet esterni.

**Artikolu 3: Kundizzjonijiet li jirregolaw l-eliġibilità għall-ammissjoni**

L-applikanti għat-traineeships jeħtieġ li:

1) Ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew ta' pajjiż assoċjat jew pajjiż kandidat.

2a) Għall-applikanti għat-**traineeship bi ħlas**, ikollhom lawrja universitarja jew ikunu lestew tliet snin ta' studju (tal-inqas sitt semestri) f'università jew f'istitut ekwivalenti tal-edukazzjoni għolja.

2b) Jekk ma jkunux lestew 6 semestri ta' studji universitarji, l-applikanti għat-**traineeship bla ħlas** jeħtieġ li jipprovdu attestazzjoni mill-università li tiddikjara li t-traineeship huwa obbligatorju fil-qafas tal-istudji u t-tul meħtieġ tiegħu.

[1] It-trainees magħżula mill-Membri tal-Parlament Ewropew u li jaħdmu fl-uffiċċji tagħhom ma jistgħux jitqiesu bħala trainees tal-Grupp, u għalhekk jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regoli adottati mill-Bureau tal-Parlament Ewropew fl-10 ta' Diċembru 2018.

[2] L-għadd ta' trainees minn pajjiżi terzi ma jistax jaqbeż l-20 % tat-trainees kollha mħallsa fis-sena ta' referenza.

3) Ikollhom għarfien tajjeb ħafna ta' żewġ lingwi uffiċjali tal-UE, li waħda minnhom għandha tkun waħda mil-lingwi ta' ħidma tal-UE, jiġifieri l-Ingliż, il-Franċiż jew il-Ġermaniż. L-applikanti minn pajjiżi li mhumiex fl-UE għandu jkollhom għarfien tajjeb ħafna ta' mill-inqas waħda mil-lingwi ta' ħidma tal-UE.

4) Ma jkunux ingħataw traineeship imħallas fl-Istituzzjonijiet tal-UE jew ma jkunux diġà f'impjieg bi qligħ wara t-tlestija tal-istudji tagħhom.

**Artikolu 4: Dokumenti ta' prova li jeħtieġ li jiġu ppreżentati**

1) Il-kandidati għat-traineeships għandom jipprovdu lill-Kumitat tal-Għażla d-dokumenti ta' prova kollha li jixhdu l-eżattezza tal-informazzjoni mogħtija fil-formola tal-applikazzjoni. Il-kopji tad-dokumenti li ġejjin għandhom ikunu mehmuża mal-formola tal-applikazzjoni:

- Diploma/i tal-istudji universitarji/ċertifikat li juru li l-applikant wettaq mill-inqas sitt semestri f'università **(għat-traineeship bi ħlas)** JEW attestazzjoni mill-università li tiddikjara li t-traineeship huwa obbligatorju fil-qafas tal-istudji tagħhom u t-tul mitlub tiegħu **(għal traineeship mingħajr ħlas)**;

- Ittra ta' rakkomandazzjoni minn professur tal-università;

- Ittra ta' rakkomandazzjoni minn figura politika (lokali, nazzjonali jew Ewropea) li tappartjeni lill-familja tal-PPE titqies bħala vantaġġ;

- Dokumenti li jagħtu prova tal-għarfien tal-lingwi (ċertifikati u diplomi);

- Karta tal-Identità jew Passaport

2) Qabel il-bidu tat-traineeship l-applikanti magħżula jridu jipprovdu lill-Unità tar-Riżorsi Umani estratt mir-rekords kriminali jew ċertifikat ta' kondotta tajba mill-pajjiż ta' residenza tagħhom li ma jkunx ilu aktar minn sitt xhur.

**Artikolu 5: Opportunitajiet indaqs**

Il-grupp PPE jippromwovi l-opportunitajiet indaqs fl-impjiegi tiegħu u jħeġġeġ applikazzjonijiet minn żgħażagħ ikkwalifikati b'diżabbiltà li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 3, mingħajr ebda tip ta' diskriminazzjoni.

**Artikolu 6: Protezzjoni tad-data personali**

Il-Grupp PPE jiżgura li d-data personali tal-applikanti tiġi pproċessata b'ħarsien tar-Regolament (UE) Nru 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, partikolarment fir-rigward tal-kunfidenzjalità u s-sigurtà tagħha, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE).

**Artikolu 7: Proċedura ta' ammissjoni**

1) Il-kandidati jridu jimlew il-formola ta' applikazzjoni onlajn disponibbli fuq is-sit web tal-Grupp PPE taħt "Traineeships u Programmi".

L-ammissibilità tal-applikazzjonijiet se tiġi eżaminata fuq il-bażi tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3.

L-applikazzjonijiet eliġibbli kollha se jiġu kkunsidrati mill-Kumitat tal-Għażla tat-Trainees fuq il-bażi tal-kwalifiki u l-ħiliet tal-applikanti u l-ħtiġijiet speċifiċi tas-servizzi tal-Grupp.

L-applikanti jiġu infurmati dwar l-eżitu tal-applikazzjoni tagħhom u/jew id-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Għażla tat-Trainees b'email lill-indirizz imniżżel fil-formola tal-applikazzjoni.

2) L-għoti ta' traineeship ma jagħtix lit-trainees l-istatus ta' membru tal-persunal tal-Grupp u lanqas ma jikkostitwixxi impenn mill-Grupp li jirrekluta trainee fi kwalunkwe kapaċità.

**Artikolu 8: Tul tat-traineeships, dati u skadenzi għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet**

1) It-traineeships bi ħlas jingħataw għal 5 xhur u ma tkun possibbli l-ebda estensjoni oħra. F'każijiet debitament ġustifikati, it-traineeship jista' jingħata għal perjodu iqsar minn 5 xhur.

Dati tat-traineeships imħallsa u skadenzi għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet:

| | |
|---|---|
| Perjodu ta' traineeship: Frar - Ġunju<br><br>Skadenza għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet: il-15 ta' Novembru (f'nofsillejl) | Perjodu ta' traineeship: Settembru – Jannar<br><br>Skadenza għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet: il-15 ta' Mejju (f'nofsillejl) |

2) It-traineeships bla ħlas jingħataw għal tul massimu ta' 3 xhur u d-data tal-bidu tiġi aġġustata skont il-ħtiġijiet tas-servizz u, jekk possibbli, jittieħed kont tar-rekwiżit tal-università.

3) It-tul u d-data tal-bidu tal-perjodu tat-traineeship huma aġġustati għall-ħtiġijiet tas-servizz u/jew tal-ftehimiet bilaterali mal-universitajiet, mal-gvernijiet nazzjonali u mal-organizzazzjonijiet esterni.

L-ebda traineeship ma jista' jsir matul il-vaganzi tas-sajf tal-Parlament Ewropew.

**Artikolu 9: Superviżur**

1) Kull trainee għandu jaħdem taħt ir-responsabbiltà ta' superviżur.

2) Is-superviżur għandu jippjana u jissupervizza x-xogħol tat-trainee matul it-traineeship kollu.

3) Fil-bidu tat-traineeship, is-superviżur għandu jispjega lit-trainee ix-xogħol u/jew il-proġetti li għandhom jitwettqu matul it-traineeship.

4) Is-superviżur għandu jiggwida lit-trainee matul it-traineeship u jrid jaġixxi bħala mentor.

5) Is-superviżur għandu jinnotifika lill-Unità tar-Riżorsi Umani immedjatament b'kull inċident sinifikanti li jseħħ matul it-traineeship bħal assenzi, mard, aċċident, eċċ.

6) Is-superviżur għandu jfassal valutazzjoni tat-traineeship, billi juża l-formola rilevanti, u jiċċertifika li l-perjodu tat-traineeship tlesta kif dovut u li l-kompiti assenjati tlestew.

**Artikolu 10: Obbligi ġenerali tat-trainees**

1) Meta jaċċettaw traineeship mal-Grupp PPE, it-trainees għandhom jirrispettaw ir-regoli interni tal-Grupp PPE, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħinijiet tax-xogħol u r-regoli dwar is-sigurtà fil-bini tal-Parlament Ewropew.

2) It-trainees għandhom isegwu l-istruzzjonijiet mogħtija mis-superviżur tagħhom jew mid-Direttur/Kap tal-Unità fejn huma jkunu ġew assenjati u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet amministrattivi maħruġa mill-awtorità kompetenti.

3) It-trainees għandhom jipparteċipaw u jikkontribwixxu għall-ħidma tad-direttorat/unità fejn huma jkunu ġew assenjati. Id-drittijiet kollha ta' kwalunkwe kitba jew xogħol ieħor li jsir mit-trainee fit-twettiq ta' dmirijietu jkunu proprjetà tal-Grupp PPE.

4) It-trainees mhumiex intitolati li jaġixxu jew jitkellmu f'isem il-Grupp. Huma għandhom jużaw it-tagħmir tal-uffiċċju allokat lilhom (telefon, email u aċċess għall-Internet) bl-iskop uniku li jwettqu xogħolhom bħala parti mit-traineeship.

5) It-trainees jeħtiġilhom jeżerċitaw l-ogħla diskrezzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni li jsiru jafu biha matul it-traineeship. Huma m'għandhom jiżvelaw l-ebda dokument jew informazzjoni lil xi persuna mhux awtorizzata, li ma jkunux saru pubbliċi mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel tas-superviżur. Il-grupp jirriżerva d-dritt li jtemm it-traineeship jekk l-obbligu tal-kunfidenzjalità kif stipulat hawnhekk ma jiġix rispettat. It-trainees ikomplu jkunu marbutin b'dan l-obbligu anki wara li jlestu t-traineeship tagħhom.

**Artikolu 11: Ftehim ta' traineeship**

L-applikanti kollha magħżula li jaqblu li jagħmlu traineeship fil-Grupp PPE għandhom jiffirmaw, qabel il-bidu tat-traineeship tagħhom, ftehim ta' traineeship standard sabiex jikkonfermaw li huma jirrispettaw l-obbligi ġenerali ta' trainees kif stipulat fl-Artikolu 10.

**Artikolu 12: Emolumenti għal traineeship imħallas**

1) It-trainees għandhom jirċievu għotja ta' traineeship ta' kull xahar ta' EUR 1400. Dan l-ammont jista' jiġi emendat b'deċiżjoni tal-awtorità kompetenti tal-Grupp[3].

2) L-għotja mħallsa mill-Grupp PPE mhijiex soġġetta għar-regolamenti dwar it-taxxa tal-uffiċjali u ta' impjegati oħra tal-Unjoni Ewropea. It-trainees jinżammu responsabbli għall-ħlas ta' kwalunkwe taxxa dovuta għall-għotja tat-traineeship li huma jkunu rċevew, f'konformità mal-liġi tat-taxxa tal-pajjiż tal-oriġini tagħhom.

**Artikolu 13: Missjonijiet matul it-traineeship**

Matul it-traineeship, it-trainees jistgħu jintbagħtu fuq missjoni fi Strasburgu waqt is-sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew. Il-missjonijiet għat-traineeships huma ppajnati u awtorizzati mill-Unità tar-Riżorsi Umani b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet tas-servizz u d-disponibbiltà tal-baġit. It-trainees mibgħuta fuq missjoni għandhom ikunu intitolati għal pagament b'rata fissa biex ikopri l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni.

**Artikolu 14: Assigurazzjoni kontra l-mard u l-inċidenti**

Il-grupp jipprovdi għal assigurazzjoni primarja obbligatorja kontra l-mard u l-inċidenti matul it-traineeship kollu.

**Artikolu 15: Liv**

It-trainees għandhom dritt għal jumejn liv għal kull xahar ta' traineeship li jagħmlu. Dan l-intitolament jinkiseb pro rata skont l-għadd ta' xhur sħaħ imwettqa. Is-superviżur tat-taħriġ għandu jkun il-persuna responsabbli li tawtorizza t-talbiet għal-liv. Liv mhux użat m'għandux jiġi rimborsat. Kwalunkwe assenza mhux ġustifikata tista' twassal għas-sospensjoni tat-traineeship. Barra minn hekk, it-trainees huma intitolati għal-liv fil-btajjel pubbliċi u fil-ġranet tal-għeluq tal-uffiċċji tal-Parlament Ewropew li jseħħu matul it-traineeship tagħhom.

**Artikolu 16: Liv minħabba mard**

F'każ ta' mard, it-trainees għandhom jinnotifikaw minnufih lis-superviżur tagħhom u lill-Unità tar-Riżorsi Umani. Jekk in-nuqqas ikun itwal minn tlett ijiem konsekuttivi, it-trainee jkollu jibgħat ċertifikat mediku lill-Unità tar-Riżorsi Umani. Fi kwalunkwe każ, il-liv minħabba mard mingħajr ċertifikat mediku huwa limitat għal jum wieħed fix-xahar matul il-perjodu globali tat-traineeship.

**Artikolu 17: Tmiem it-traineeship u s-sospensjoni tat-traineeship**

[3] F'każ li t-trainee jkollu diżabbiltà serja, li pereżempju tkun teħtieġ il-preżenza ta' persuna li takkumpanjah u/jew toħloq spejjeż oħra marbuta mad-diżabbiltà, l-allowance ta' kull xahar jista' jiżdied.

It-traineeship għandu jintemm mal-iskadenza tal-perjodu li għalih ikun ingħata.
Traineeship jista' jiġi sospiż bid-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Grupp fuq talba tat-trainee, tas-superviżur u ta' awtorità kompetenti oħra f'każ ta' raġunijiet debitament ġustifikati.

**Artikolu 18: Tilwimiet**

Is-Segretarju Ġenerali tal-Grupp għandu jiddeċiedi dwar it-tilwimiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli.

**Artikolu 19: Dħul fis-seħħ**

Dawn ir-regoli jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020.

Brussell, 3 ta' Diċembru 2019

Martin KAMP
Segretarju Ġenerali